**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI GĦALL-INFORMATIKA, TEKNOLOĠIJA U INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

**LAQGĦA NRU 5**

**L-Erbgħa, 25 ta' Frar 2026**

Il-Kumitat Permanenti għall-Informatika, Teknoloġija u Intelliġenza Artifiċjali iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fit-3.09p.m.

L-Onor. Ray Abela, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Ivan Bartolo, l-Onor. Abigail Camilleri u l-Onor. Jerome Caruana Cilia

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 4 li saret fl-24 ta' Frar 2026, ġew konfermati.

Il-President tal-Kumitat fetaħ il-laqgħa billi stieden lis-Sur Roger Tirzona, is-Sinjura Kirby Caruana, Dr Alice Micallef u Dr Lucianne Zammit fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex jagħmlu laqgħa rigward l-importanza tal-Etika fl-Edukazzjoni tat-tfal u kif din tinkorpora mat-Teknoloġija, l-Informatika u l-Intelliġenza Artifiċjali

**PREŻENTAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-ETIKA FI ĦDAN ID-DIPARTIMENT TAL-EDUKAZZJONI**

Is-Sur Roger Tirzona, flimkien mal-kollegi tiegħu s-Sinjura Kirby Caruana, Dr Alice Micallef u Dr Lucianne Zammit għamlu preżentazzjoni tas-suġġett tal-Etika u kif dan qed isawwar l-importanza lit-tfal fl-iskola kif ukoll jagħmel impatt fuq il-kurrikulu tal-iskejjel.

Waqt il-laqgħa, poġġew dawn id-dokumenti:

Dok 9: Power Point Presentation fuq x'qed issir bis-suġġett tal-Etika
Dok 10: Leaflet li qed jitqassam lit-tfal u ġenituri "What is Ethics?"

Dok 11: Year 5 Ethics Syllabus – Module 3: Interacting in a Digital World - Learning Outcomes
Dok 12: Year 7 Ethics Syllabus – Right, Freedom & Truths Learning Outcome
Dok 13: Year 8 Ethics Syllabus – Consequences, Integrity and Responsability Learning Outcomes

Wara li saru xi mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat, bi qbil, il-kumitat għadda għat-tielet item fuq l-aġenda

**PERMESS GĦAL FOTOGRAFU**

Qabel ma bdiet id-diskussjoni fuq il-Konsultazzjoni Pubblika dwar l-Aċċess u l-Użu tal-Midja Soċjali, intalab permess biex għal ftit mumenti jkun hemm fotografu biex jieħu xi ritratti. Il-permess ingħata.

**PREŻENTAZZJONI DWAR IL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA DWAR L-AĊĊESS U L-UŻU TAL-MIDJA SOĊJALI**

Fid-diskussjoni ħadu sehem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Rebecca Buttigieg, Dr Josianne Cutajar, Prof Matthew Montebello, Is-Sur Reno Bugeja, is-Sur Roger Tirazona, Dr Alice Micallef u Dr Lucianne Zammit. Isemmew il-punti ta' kif din ir-riforma se tipprova ssib bilanċ bejn użu effettiv tal-midja soċjali kif ukoll l-etajiet għal tali użu. Waqt din id-diskussjoni l-Onor. Rebecca Buttigieg, f'isem il-bord tekniku ta' din il-konsultazzjoni pubblika poġġiet quddiem il-kumitat:

Dok 14: Green Paper bl-isem Riforma Midja Soċjali: Inħarsu t-tfal u persuni vulnerabbli

Fil-5:01pm il-kumitat eżawrixxa l-Aġenda li kellu quddiemu u aġġorna għal data u suġġett li kellhom jiġu kkomunikati aktar 'il quddiem.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. RAY ABELA, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**